MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Numru. 1128/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 567363(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Ottubru, 2013 u fil-jiem, fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi

> Ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor flasifikat (licenzja tat-triq ta' karozza)
>
> U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skrittura wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza
>
> U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn Vettura tal-Marka Tata bin-numri ta' registrazzjoni KBA 757 minghajr ma kienet illicenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` kompetenti biex tintuza fit-Triq u b'hekk ma kinitx koperta b'polza ta' sigurta` dwar ir-riskju ta' terzi persuni.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex titratta r-reat li sar minn ufficjal jew impjegat pubbliku liema reati kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv invista ta’ Sentenza tal-Qorti tal-magistrati liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat illi l-partijiet qablu li l-addebitu tar-recidiva ma japplikax f’dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat ir-rikors tad-difiza datat seba' u ghoxrin (27) ta' Novembru 2014 fejn intalab illi din il-Qorti tiehu konjizzjoni u tiddeciedi l-akkuzi migjuba kontra l-imputat mhux a bazi tal-Artikoli hemm citati izda a bazi ta'regolamenti sussidjarji indikati fir-rikors li huma anqas oneruzi;

Illi din il-Qorti tippremetti li ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni migjuba mid-difiza u dan ghaliex l-imputat kien ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontrih minghajr l-ebda riserva u anke' jekk hemm il-kunsens tal-Avukat Generali, xorta wahda l-imputat' gialadarba kiem ammetta l-akkuzi kif originarjament migjuba kontrih, ma jistax jitlob il-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni ta' Artikoli ohra. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti mhijiex ser tidhol fil-kwistjoni jekk dawn ir-Regolamenti japplikawx jew le.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 184, 141, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 dwar Vetturi bil-mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Joseph Mifsud** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante ammissjoni u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------